# It-Tabib Tumas Chetcuti

*minn Loreto J. Dalli* I. Eng., MIED, A.M.E.D. Mech. E.

Meta ġejt il-Mosta smajt b'diversi ismijiet li għamlu isem fl-istorja ta' Malta. Din hija t-tielet sena li s-Soċjeta Filarmonika Santa Marija tatni spazju fil-ktieb għall-jiem tal-festa tagħna fil-Mosta.

**Għaldaqstant** rajt kif għamilt sforz fuqi nnifsi biex insib materjal relevanti għal dan l-iskop. Din id-darba l-għażla waqgħet fuq it-tabib Tumas Chetcuti li għamel isem fis-saħħa mentali. It-tabib Chetcuti twieled fl-aħħar tas-seklu tmintax, fil-15 ta' Ġunju, 1797, sena qabel id-dħala ta' Napuljun f'Malta. Il-ġenituri ta' Tumas kienu Ġammari Chetcuti u martu Grezzja, imwielda Magri.

It-tarbija ġiet imsejħa Joannes, Tumas u Josef skond ir-reġistru tal-parroċċa tal-Mosta u l-magħmudija saret dak il-jum stess u tgħammed minn Dun Feliċ Calleja. Jidher li t-tieni isem kien aktar preferut mill-ewwel wieħed li tawh il-ġenituri tiegħu. Tumas beda jikber, missieru bagħtu jitgħallem għand Ġwann Magri li kien joqgħod Ħal-Lija. Ta' min jgħid li missier Tumas kien il-Kmand tal-Mosta u kien jaf lin-nies ta' l-iskola fl-inħawi peress li fil-Mosta ma kien hawn l-ebda forma ta' skola.

Wara li ħa t-tagħlim elementari f'Ħal-Lija, daħal is-Seminarju ta' l-Imdina li kien l-aqwa skola li kellna f'Malta. Barra s-suġġetti ta' l-iskola, kien ukoll isib ħin biex jgħaddi xi ħaġa tat-tagħlim fil-mużika. Meta għadda l-kors fis-Semitarju beda jistudja privat il-filosofija. Fl-1815 daħal l-Università u qabad il-kors tal-liġi, li spiċċaħ wara tliet snin. Ġara imma meta Mons. Caruana li dak iż-żmien kien ir-Rettur ta' l-Università ried jagħtih il-lawrja hass li ma kienx sejjer jiehu professjoni għal qalbu għax kien iktar imħajjar li jsir tabib jew avukat, kif fil-fatt sar. Biss fis-sena 1818 kien ħa l-ewwel grad fil-liġi.

Tumas Chetcuti kien midħla tajjeb fil-Latin u t-Taljan u kien mhux ħażin fl-Ingliż u l-Franċiż. Issa kien għadu żagħżugħ u l-istudju kien kif ngħidu aħna jieklu bħall-ħobż. Għalhekk mingħajr biża' ta' xejn telaq għal Napli u qabad jistudja għal tabib.

Dr. Tumas Chetcuti hu pijunier tal-psikjatrija

➥ ikompli paġna 114



MARPAC
Household, gifts & Souvenirs
23, Constitution Street, Mosta
Tel: 433644

- Fannijiet Airmate ta' bla ħoss u sentejn garanzija
- Kollezzjonijiet ta' armi antiki
- Fireplaces u aċċessorji
- Varjetà kbira ta' rigali għal kull okkażjoni
- Ismijiet ta' djar fuq iċ-ċeramika
- Small electrical appliances
- Washing Machines, Spindriers,
- Aircondions tad-ditta Ariston
u ħafna affarijiet oħra

NUMERO 3
M-E-N-S- &-L-A-D-I-E-S
W-E-A-R
164, Constitution Street,
Mosta Tel: 419275
Sub Agents for
Portughes Laundry and
Dry Cleaning
10% discount on presentation of membership card

# It-Tabib Tumas Chetcuti

➡ minn paġna 113

Maltija għax kien l-ewwel tabib Malti li studja serjament id-diżordni mentali u ta l-biċċa ta' ħajtu biex jiehu ħsieb u jikkura l-pazjenti mentali. Meta ġie Malta mill-istudji tal-mediċina u l-kirurġija li għamilhom f'Napli, beda l-prattika privata ġewwa r-Rabat. Fil-1823 sar tabib kuranti fl-Isptar ta' Santu Spirtu u f'April ta' l-1834 laħaq Supretendent Mediku.

Fl-1 ta' Ġunju 1838, ħalla postu fl-Isptar Santu Spirtu u sar Supretendent tal-Manikomju. Dr Chetcuti u Dr. Zammit ħejjew rapport dwar it-tagħlim fil-mediċina u kiruġija fl-Università. Ippubblikawh fl-1842. Issuġġerew li l-istudju tal-mediċina jinqasam f'dak preparatorju u fil-kors akkademiku. It-tħejjija akkademika kellha ddum sitt snin. Issuġġerew ukoll li l-*lectures* dwar id-diżordni mentali kellhom isiru kuljum matul l-aħħar erba' xhur tar-raba' sena, filwaqt li t-taħriġ kliniku fil-psikjatrija kellu jieħu l-ħamsa u s-sitt sena flimkien ma' kirurġija u obstitrija klinika.

Fl-1 ta' Ġunju, 1849 ngħata l-kariga ta' supretendent ta' l-Lazzarett flimkien ma' dik li kellu fil-manikomju. Irrifjuta l-kariga ta' professur tal-mediċina fl-Università peress li l-ħlas ta' Lm40 fis-sena kienet remunerazzjoni redikola.

### Chetcuti bħala riformatur

Fi żmien li Chetcuti kien jistudja għal tabib it-trattament li kienu jirċievu l-morda kien inumani għall-aħħar. Kienu jorbtuhom u jsawtuhom meta l-imsejkna jatihom l-attakk. Fil-1816 il-pazjenti ġew trasferiti fl-OSPIZIO, il-Furjana. Kienu mmanittjati u mitmugħin ħażin. Kien hemm min jemmen li dawn il-morda kienu ppossesstati mid-demonju u għalhekk ibbastunati. Fl-1832 sar xi tibdil iżda l-morda kien għadhom jiġi kkatinati u msawta. Fis-seduta ta' l-4 ta' Novembru, 1837, il-kumitat ta' l-Istituzzjonijiet Karitattivi ddeċieda li jimmudella l-Asilo Franconi fuq l-isptarijiet professjonali Ewropej. Irrakomanda li Dr Chetcuti jsir id-direttur.

Fl-1 ta' Jannar, 1838 Dr Chetcuti laħaq tabib ta' Villa Franconi u minn butu żar diversi istituzzjonijiet fl-Italja, Franza u l-Gran Brittanja. Meta it-tabib Chetcuti ħa t-tmexxija ta' Villa Franconi neħħa l-ktajjen minn idejn il-pazjenti u pprojbixxa s-swat. Lill-irġiel u n-nisa ssepparahom għax kien hemm kważi min jara membru tas-sess oppost kien jeċita ruħu ħafna. Ma tħalliex min juża l-kelma mignun fil-konfront tal-pazjent. Ried li l-attendenti jużaw manjieri ħelwin fil-konfront tal-morda għax dan kien importanti ħafna fil-kura.

Żied l-għadd ta' attendenti mal-morda għal superviżjoni aħjar. Beda' reġistru li fih irrekordja informazzjoni dwar il-pazjenti bħal ismijiet, professjoni, età u indirizz, data tad-dħul, ħruġ jew mewt u dianjosi. Ebda kolazzjon ma kien ġie provdut mill-pazjenti qabel l-1839 u kienu jibqgħu sajmin sa nofsinhar ta' l-għada wara l-ikla ta' filgħaxija. Dr Chetcuti daħħal il-kolazzjoni u żied l-ikel. Wara xi żmien beda jidher l-effett ta' dieta tajba u infezzjonijiet fil-ġilda, dijareja, ħakk u rquqija eseġerata għebu ftit ftit mill-isptar.

Ried li l-morda jkollhom xi ħaġa li tokkupahom għax dan kien parti mit-terapija. Anke passiġġati barra l-isptar ġew organizzati. Għamel orarju għall-ikliet, żjajjar mediċi u xogħol biex iderri użanzi tajba u ta' kontroll fuqhom innifishom mill-pazjenti. It-tabib Chetcuti kien jaf li htieġlu akkomodazzjoni aħjar minn Villa Fraconi. Ħadem u stinka u fl-aħħar beda jinbena l-isptar f'H'Attard. Għex biżżejjed biex jarah lest u jmexxih imqarr jekk għal ftit snin.

It-tabib Tumas Chetcuti miet fis-17 ta' Marzu, 1863. Jibqa' nfakkar għal dawn l-osservazzjonijiet li għamel: aktar kemm diżordni mentali tidħol b'heffa l-pronostiku tagħha hu aħjar, hemm implus inkontrollabli li jagħmel lil min jippossedih moralment u legalment irresponsabbli, diżordni mentali ħafna drabi ma tkunx akkumpanjata minn illużjonijiet tal-moħħ u il-mard mentali ma jistax jkun parzjali iżda jinvolvi l-ħajja mentali kollha. ■

---

**Riferenzi:**

Dr. Thomas Chetcuti – **The Pioneer Maltese Psychiatrist,** Dr. P. Carrar,

Reġistru Parrokkjali Mosta.

Ħajr lil Dr Paul Cassar talli rreferieni għall-kitba tiegħu (1949) fuq Dr Tumas Chetcuti . Dr Cassar hu awtorità mondjali fuq l-istorja medika ta' Malta

Hector's IRONMONGER

Triq il-Mitbaħ, (Santa Marġerita) Mosta

Tel: 416435 Mobile: 09403402

**Paint, Hardware items, Household & Tools Hire**

**Baryozine Mixing Centre over 5,000 colours**